**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 11 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru 8**

**Avviz numru 613/01**

**Sullivan Maritime Limited**

**vs**

**V.G. Tiles Co. Ltd.**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' Lm320.94 (tlett mija u ghoxrin lira maltin u erba' u disghin centezmu) prezz ta servizzi prestati fuq istruzzjonjiet tas-socjeta konvenuta u ghalhekk is-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici, u ghalkemm debitament interpellata s-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti, ghajr ghall-fatt illi bghatet cheque ghas-somma mitluba izda dan gie ritornat lura bl-iskritta "refer to drawer".

Is-socjeta attrici talbet li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' Lm320.94.

Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tat-12 ta' Lulju 2001.

Ra li s-socjeta konvenuta baqghet ma ipprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema' lil Dr Lennart Depasquale jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**